

Brussell, 22 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5169/18

COAFR 8
CFSP/PESC 19

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5164/18	
Suġġett:	Zimbabwe - Council conclusions (22 January 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe, kif adottati mill-Kunsill fit-3591 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Jannar 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe

1. It-tranżizzjoni politika li qed isseħħ fiż-Żimbabwe toħloq aspettattivi għolja fost iż-Żimbabwe kollha. Tista' tiftaħ it-triq għall-istabbiliment mill-ġdid u komplet tal-Istat tad-Dritt, fi ħdan qafas kostituzzjonali u taħt tmexxija ċivili, u tippermetti t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' riformi politiċi u ekonomiċi tant meħtieġa.
2. L-UE ttenni d-disponibbiltà tagħha li taħdem b'mod kostruttiv mal-awtoritajiet il-ġodda inkluż permezz ta' djalogu politiku strutturat, mal-atturi politiċi tul l-ispettru kollu, u mas-soċjetà ċivili, abbażi ta' impenn reċiproku għal valuri komuni ffukat fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-Istat tad-Dritt. Ser tagħmel dan f'koordinazzjoni ma' sħab Afrikani u internazzjonali.
3. Il-proċess elettorali li ġej ser ikun pass essenzjali. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-awtoritajiet sabiex isiru elezzjonijiet skont il-kostituzzjoni, u tenfasizza kemm huwa importanti li jkun hemm il-kundizzjonijiet sabiex daww l-elezzjonijiet ikunu paċifiċi, inklużivi, kredibbli u trasparenti. L-UE tkun favorevoli għal osservazzjoni elettorali, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet meħtieġa u li tintbagħat stedina mill-Gvern taż-Żimbabwe.
4. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni dikjarata tal-awtoritajiet taż-Żimbabwe li jwettqu riformi ekonomiċi fiż-Żimbabwe, bil-għan li jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli fit-tul, u ttenni r-rieda tagħha li tappoġġa l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' bidliet strutturali tant meħtieġa u l-promozzjoni ta' governanza tajba. F'dan il-kuntest, l-UE ser tappoġġa l-awtoritajiet fl-istabbiliment malajr kemm jista' jkun ta' impenn kostruttiv mill-ġdid mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bbażat fuq programm ta' riforma ekonomika u politika ċar u marbut biż-żmien.
5. L-UE tinsab lesta biex tirrevedi l-firxa sħiħa tal-politika tagħha fil-konfront taż-Żimbabwe fi kwalunkwe mument sabiex din tqis il-progress miksub fil-pajjiż.